

Brussell, 12 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0414(COD)

10107/23
ADD 1

EMPL 294
SOC 422
CODEC 1011

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi
- Dikjarazzjoni mil-Litwanja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dikjarazzjoni mil-Litwanja b'rabta mal-proposta ta' hawn fuq.

Dikjarazzjoni mil-Litwanja

Il-Litwanja tappoġġa l-objettivi ta' din id-Direttiva li ttejjeb il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi u l-protezzjoni tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom permezz tal-użu ta' sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ jew tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Il-Litwanja temmen li d-Direttiva ma għandhiex tillimita, iżda pjuttost tippromwovi, id-djalogu soċjali bejn il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u l-pjattaformi tax-xogħol diġitali, u r-rappreżentanti tagħhom. Din id-Direttiva għandha tkun konsistenti mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal ftehimiet kollettivi rigward il-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati. Aħna nqisu li l-miżuri jew ir-regoli meħtieġa mil-liġi jew mill-ftehimiet kollettivi ma għandhomx jitqiesu għall-iskattar awtomatiku tal-preżunzjoni legali u l-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-istatus.

Fl-istess ħin, il-Litwanja tenfasizza li l-preżunzjoni legali, il-kriterji tagħha, il-limitu tal-iskattar tal-preżunzjoni legali, l-applikazzjoni tal-preżunzjoni legali u l-konfutazzjoni tagħha għandhom ikunu proporzjonati u ma għandhomx joħlqu piż amministrattiv għall-persuni li tassew jaħdmu għal rashom.